**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-16 ta' Frar, 2018**

**Talba Numru: 242/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 34**

**Charmaine Pace (K.I. Nru 204773M)**
**Bhala amministrattrici ta' Maracana Court Owners Association**
**93, 'Our Cottage'**
**Triq l-Imdina**
**Haz Zebbug**

**Vs**

**Paul Fenech (K.I. Nru 459165M)**
**Maracana Court, Flat No 47,**
**Triq it-Torri,**
**Msida**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-09 ta' Mejju, 2017 li permezz tieghu l-attrici nomine talbet minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta' elf u tmienja u sittin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1,068.88) rapprezentanti kontribuzzjonijiet

annwali ghall-ispejjez mehtiega ghal manutenzjoni tal-partijiet komuni u tax-xogholijiet relattivi li sal-lum baqghu mhux imhallsa minnu.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat bil-avviz tat-talba u bl-avviz tas-smigh fis-16 ta' Gunju, 2017 izda baqa' ma pprezenta l-ebda risposta jew deher biex jikkontesta t-talba u ghalhekk dan it-Tribunal ddikjara li l-konvenut huwa kontumaci.

Ra x-xhieda tal-attrici Charmaine Pace bhala amministrattrici ta' Maracana Court Owners Association kif ukoll ta' John Cachia tezorier tal-istess assocjazzjoni.

Ra d-dokumenti kollha prodotti mill-attrici.

Ra li fis-seduta tas-17 ta' Novembru, 2017 l-attrici ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi u l-kawza thalliet ghas-seduta tas-17 ta' Jannar, 2018 ghal finali trattazzjoni.

Ra li fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2018 il-konvenut baqa' ma deherx u l-attrici talbet li l-kawza tithallas ghas-sentenza.

It-Tribunal, wara li semgha x-xhieda u dokumenti prodotti, jaqta' u jiddeciedi billi jqis li t-talba tal-attrici noe tirrizulta li hija gustifikata u ghalhekk jordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici noe s-somma ta' elf u tmienja u sittin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1,068.88c) u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data ta' meta kien dovut il-hlas ta' kull kontribuzzjoni sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**